





PRADO

PUBLIC REGISTER OF AUTHENTIC IDENTITY AND TRAVEL DOCUMENTS ONLINE

REĠISTRU PUBBLIKU TA' DOKUMENTI AWTENTIĊI TA' L-IDENTITÀ U TA' L-IVVJAĠĠAR ONLINE

Kif l-aħjar tuża ...

- > Il-lista tat-"Tiftixa skont il-pajjiż tad-dokument" tal-PRADO hija f'ordni alfabetika skont il-kodiċi tal-pajjiżi bi tliet ittri kif jintużaw fid-dokumenti tal-ivvjaġġar (fil-partijiet li jinqraw mill-magni). Madankollu, nixtieq infittex l-isem tal-pajjiż kif stampat fuq il-passaport / nixtieq infittex l-isem tal-pajjiż b'lingwa li nagħżel jien - kif għandi nagħmel?
- > Kif insib l-istanzi kollha ta' espressjoni jew frażi f'paġna?
- > Funzjoni ta' tiftix - naf li f'wieħed mid-dokumenti intużat frażi, iżda mhu qed nirċievi ebda riżultati?
- > X'inhu l-għan ta' din id-database?
- >  L-għajnuna online skont il-kuntest fid-dokumenti tal-PRADO tidher li mhix taħdem tajjeb: meta nagħfas fuq terminu li nkun fittixt, l-ispejgazzjoni rispettiva ma tinfetaħx f'paġna ġdida; minflok tinfetaħ l-ewwel paġna tal-glossarju 
- > Kif nista nissejvja l-lingwa / dehra favorita għal żjara oħra lis-sit tagħkom?
- > Kif nista' nara dokument f'lingwa oħra?
- > Kif nista' niffoka / nisfoka immaġini?
- > Fil-glossarju - Għaliex iservu n-numri griżi u xi jfissru?
- > Huwa possibbli li tinkiseb informazzjoni dwar l-aħħar deskrizzjonijiet disponibbli tad-dokument - toffru RSS feed?
- > Ninsab fit-taqsimha " L-aktar dokumenti reċenti ..." - Kif tiddefinixxu "L-aktar reċenti...-"

- > Qed insibha diffiċli naqra t-test fuq il-paġni tal-PRADO tagħkom. Kif nista' nibdel id-daqs tat-tipa li tidher fuq l-iskrin tiegħi?
- > Meta nagħfas il-minjatura tal-immaġni f'dokument, l-immaġni tikber - iżda mbagħad ma nkunx nista' nara aktar id-deskrizzjoni sħiħa tad-dokument. Allura x'irrid nagħmel jekk inkun irrid narahom it-tnejn li huma fl-istess ħin?
- > "Kodiċi ta' dokument"?

[↑ Fuq](#)

Kif l-aħjar tuża ...

Il-lista tat-"Tiftixa skont il-pajjiż tad-dokument" tal-PRADO hija f'ordni alfabetika skont il-kodiċi tal-pajjiżi bi tliet ittri kif jintużaw fid-dokumenti tal-ivvjaġġar (fil-partijiet li jinqraw mill-magni). Madankollu, nixtieq infittex l-isem tal-pajjiż kif stampat fuq il-passaport / nixtieq infittex l-isem tal-pajjiż b'lingwa li nagħżel jien - kif għandi nagħmel?

Jekk jogħġbok mur fuq il-paġna "Tiftixa skont il-pajjiż tad-dokument" tal-PRADO u agħfas fuq "Ctrl" + "F" (fittex f'din il-paġna) u daħħal il-kelma/kliem li qed tfittex. Wara agħfas fuq il-buttuna "Next".

Search |  1 of 83

Kif insib l-istanzi kollha ta' espressjoni jew frażi f'paġna?

Agħfas "Ctrl" + "F" (sib fuq din il-paġna) u daħħal il-kelma(iet) li qed tfittex. Imbagħad agħfas fuq il-buttuna "Next" (Li jmiss).

[↑ Fuq](#)

Funzjoni ta' tiftix - naf li f'wieħed mid-dokumenti intużat frażi, iżda mhu qed nirċievi ebda riżultati?

Il-magna tat-tiftix tal-Kunsill tagħna tfittex biss titli u termini li jkunu diġà ddaħħlu fl-indiċi fil-paġni kollha tal-Kunsill. Bħalissa MA TISTAX tużaha biex tfittex termini fuq il-paġni tal-PRADO biss.

Jekk trid tfittex fid-database tal-PRADO kollha għal lista ta' kliem, ikkunsidra l-użu ta' mutur ta' riċerka b'xejn biex tfittex biss f'websajt speċifika waħda, eżempju

Google.com: Immarka "Search the web" & u fil-kaxxa tat-tiftix daħħal: il-"kelma(kliem) li qiegħed tfittex" (jekk tixtieq taqbiliet preċiżi uża l-virgoletti), segwita/i mill-kelma "site" u colon segwita mill-isem tad-domain; eż.; **"TA' L-IVVJAĠĠAR site:consilium.europa.eu/prado/mt/".**

X'inhum l-għan ta' din id-database?

PRADO (Public Register of Authentic identity and travel Documents Online - ir-Reġistru Pubbliku ta' Dokumenti tal-Ivvjaġġar u tal-Identità Awtentiċi Online tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea) huwa sit multi lingwi b'informazzjoni dwar dokumenti awtentiċi ta' identità u vjaġġar. Id-deskrizzjonijiet tad-dokumenti jinkludu deskrizzjonijiet tekniċi - deskrizzjonijiet ta' wħud mill-karatteristiċi ta' sigurtà l-aktar importanti tad-dokument u normalment jinkludu wkoll informazzjoni (indikattiva) dwar il-validità massima possibbli tad-dokument deskritt, kif ukoll informazzjoni dwar l-użu ewlieni tiegħu.

➔ Kategoriji ta' dokumenti & tipi ta' dokumenti



L-għajnuna online skont il-kuntest fid-dokumenti tal-PRADO tidher li mhix taħdem tajjeb: meta nagħfas fuq terminu li nkun fittixt, l-ispejgazzjoni rispettiva ma tinfetaħx f'paġna ġdida; minflok tinfetaħ l-ewwel paġna tal-glossarju.

1. Iprova uża browser differenti - pereżempju l-aktar verżjoni reċenti tal-**Google Chrome**.
2. Għal xi verżjonijiet tal-Firefox ġew irrapportati problemi dwar 'id-destinazzjonijiet imsemmija' li użajna fil-fajls PDF ta' għajnuna. Jekk jogħġbok fittex soluzzjonijiet, eż. fil-paġni ta' għajnuna tal-Mozilla, jew uża verżjoni differenti.
3. Jekk tibdel is-settings tal-browser tiegħek hemm imnejn jgħin itejjeb l-użu tal-għajnuna online (jekk tiltaqa' ma' problemi relatati): eż. "Extras" --> "Settings" / "Internet options" (--> "General) --> "Tabs" --> "Always open links (from other programs) in a new window".

Kif nista nissejvja l-lingwa / dehra favorita għal żjara oħra lis-sit tagħkom?

Jekk jogħġbok żid l-url tal-homepage tagħna mal-bookmarks / favourites tiegħek.

↑ Fuq

Kif nista' nara dokument f'lingwa oħra?

Jekk jogħġbok għażel minn fost il-verżjonijiet lingwistiċi disponibbli:

Agħżel il-lingwa



F'dokument PDF miftuħ:



Kif nista' niffoka / nisfoka immaġini?

Wara li tkun ikklikkjajt fuq il-minjatura ta' immaġini, inti tkun tista' tara l-immaġini. "1 - click image zoom": L-iffukar jinbenda billi sempliċiment tikklikkja x'imkien fuq l-immaġini - l-immaġini kollha tista' tkun esplorata billi tmexxi l-mouse.

[↑ Fuq](#)

Fil-glossarju - Għaliex iservu n-numri griżi u xi jfissru?

Dawn in-numri griżi tal-kapitli jistgħu, pereżempju, jgħinuk issib test b'lingwa differenti - aqleb għal-lingwa mixtieqa u fittex in-numru → agħfas 'Ctrl' + 'F' (sib fuq din il-paġna).

Huwa possibbli li tinkiseb informazzjoni dwar l-aħħar deskrizzjonijiet disponibbli tad-dokument - toffru RSS feed?

Bħalissa ma noffru RSS feed, iżda l-aħħar deskrizzjonijiet tad-dokument disponibbli dejjem jidhru fuq il-paġna tal-bidu ta' PRADO.

Ninsab fit-taqsimha "L-aktar dokumenti reċenti ..." - Kif tiddefinixxu "L-aktar reċenti...-"

Dokumenti disponibbli f'din il-lingwa għal inqas minn 90 jum. Jekk ikun hemm aktar minn 3 dokumenti, l-aktar tlieta reċenti biss jidhru - billi tikklikkja fuq il-link "**Ara d-deskrizzjonijiet il-ġodda kollha ta' dokumenti**" inti tara d-dokumenti kollha li saru disponibbli matul l-aħħar 90 jum.

Qed insibha diffiċli naqra t-test fuq il-paġni tal-PRADO tagħkom. Kif nista' nibdel id-daqs tat-tipa li tidher fuq l-iskrin tiegħi?

JBix tibdel id-daqs tat-tipa, jekk jogħġbok uża **l-funzjoni ta' tkabbir** tal-browser tiegħek: eż. agħfas fuq "View" --> "Text size" -->

Għal dokumenti PDF jekk jogħġbok uża l-buttni korrispondenti tal-PDF li juża l-browser tiegħek.



[↑ Fuq](#)

Meta nagħfas il-minjatura tal-immaġni f'dokument, l-immaġni tikber - iżda mbagħad ma nkunx nista' nara aktar id-deskrizzjoni sħiħa tad-dokument. Allura x'irrid nagħmel jekk inkun irrid narahom it-tnejn li huma fl-istess ħin?

Jekk tikklikja l-buttna tax-xellug fuq il-minjatura tal-immaġni, tinfetaħ (b'mod awtomatiku) l-akbar immaġni fl-istess tieqa tal-browser (jekk jogħġbok uża l-buttna Lura jekk trid terġa' lura għad-deskrizzjoni sħiħa tad-dokument). Minflok tikklikja l-buttna tax-xellug, agħfas dik tal-lemin fuq il-minjatura u mbagħad agħżel "Open link in new window" (Iftaħ il-link f'tieqa ġdida).

"Kodiċi ta' dokument"?

Il-kodiċijiet ta' dokument li jintużaw f'din il-bażi ta' data għal DOKUMENTI AWTENTIĊI (ĠENWINI) huma magħmula mill-komponenti li ġejjin: ➡.

[↑ Fuq](#)

> [PRADO paġna tal-bidu](#) [↗](#)

NOTA ĠURIDIKA IMPORTANTI - L-informazzjoni fuq dan is-sit hija soġġett għal [avviż ta' ċaħda ta' responsabbiltà](#) u [termini ta' kondotta](#) u [avviż tad-dritt ta' l-awtur](#).